**6 ta' April, 1995**

**Imhallfin:-**

**Onor. Dr. Albert Manche` LL.D. - Aġent President**
**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**
**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

Carmel Bonello *et*

*versus*

Joseph Mary Vella *et*

## Smiegħ Imparzjali - Provi - Smieħ Xieraq - Rikors Dwar Vjolazzjoni li sar f'Kawża Kostituzzjonali

*Illi dwar id-dritt li jiġi impunjata anke sentenza mogħtija minn din il-Qorti, l-ogħla Qorti tal-pajjiż, fuq il-mottiv ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem, din il-Qorti pronunzjat ruħha fis-sentenza mogħtija llum stess fil-kawża fl-ismijiet* ***Lawrence Cuschieri versus l-Onorevoli Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta u għall-interess li jista' jkollu l-Kummissarju tal-Pulizija*** *(Rikors Numru: 371/92) fis-sens li ma tistax a priori teskludi s-sindakabilita` ta' l-operat ta' din il-Qorti fil-kondotta tal-proċeduri quddiemha biex jiġi determinat jekk dawn kinux konformi mad-dettami tas-subinċiż (1) ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u dan permezz tar-rimedju, bħal fil-kawża odjerna, ta' rikors quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili; u għalhekk tagħmel ampja referenza għall-istess sentenza.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors fl-ismijiet premessi preżentat quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-4 ta' Frar 1993 li bih ir-rikorrenti ppremettew:

"1. Illi b'digriet tat-13 ta' April 1989 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-atti tar-rikors Numru 167/86 fl-ismijiet **Joseph Mary Vella**

*et vs* **Il-Kummissarju tal-Pulizija** *et* ċaħdet it-talba tar-rikorrenti (allura intimati) biex jingħataw tlett ijiem żmien biex jippreżentaw il-provi tagħhom b'affidavit, peress li l-Qorti ddeċidiet li r-rikorrenti kienu diġa obbligaw ruħhom li jipproduċu l-provi kollha tagħhom, kemm fid-19 ta' Frar 1989 kif ukoll fit-28 ta' Frar, 1989 imma m'għamlu xejn;

2. Illi b'sentenza tat-18 ta' Ottubru 1991 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża msemmija billi:

(a) iddikjarat ir-rikorrenti (allura intimati) ħatja li assoġġettaw kif fuq imsemmija Joseph Mary, George u Francis aħwa Vella (allura rikorrenti) għall-trattament inuman u degradament;

(b) iddikjarat li l-konfessjonijiet magħmula mill-imsemmija aħwa Vella waqt l-investigazzjonijiet kienu nulli u bla effett; u

(ċ) illikwidat kumpens ta' sitt elef lira għal kull wieħed mill-aħwa Vella;

3. Illi b'sentenza tal-21 ta' Jannar 1993 il-Qorti Kostituzzjonali ddisponiet mill-aggravju dwar id-digriet tat-13 ta' April, 1989 fl-appell fil-mertu interpost mir-rikorrenti (allura intimati appellanti), u l-Qorti Kostituzzjonali rrevokat is-sentenza appellata tat-18 ta' Ottubru, 1991 u ddeċidiet li "tibgħat l-atti tal-kawża lura quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla, sabiex din, jekk fi żmien 15-il ġurnata mill-lum, l-appellanti jkunu ppreżentaw ix-xhieda tagħhom, jew ta' min minnhom, permezz ta' affidavit ġuramentat quddiem wieħed mill-Assistenti Ġudizzjarji: dik il-Qorti, jekk ikun mitlub, tiffissa ġurnata jew ġranet, għall-kontro-eżami *viva voci* ta' kull appellant li jkun ippreżenta affidavit

u wara dan tħalli l-kawża għas-sentenza, mingħajr ma tisma' provi oħra da parti ta' l-intimati ħlief jekk u meta r-rikorrenti jipproduċu provi oħra biex jikkontrabattu l-provi ta' l-appellanti hekk prodotti;

4. Illi din il-parti ikkwotata tas-sentenza msemmija tikkostitwixxi leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti għall-"smiegħ xieraq" fil-kawża premessa, bi ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 19(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, li jippreskrivi "smiegħ imparzjali", u dawn stante li:

(a) ir-rikorrenti ġew assoġġettati għall-ġudizzju ta' min diġa' ippronunzja ruħu kontrihom fil-mertu tal-kawża deċiża fit-18 ta' Ottubru 1989 u b'hekk tonqos l-imparzjalita';

(b) ir-rikorrenti ġew ipprivati milli jipproduċu l-provi tagħhom kollha in sostenn tas-sottomissjonijiet tagħhom, u l-kontro-parti ingħataw il-fakulta' li jipproduċu provi oħra ma' dawk li huma kienu diġa' iddikjaraw li kienu l-provi tagħhom kollha u b'hekk ġie intakkat ukoll il-kunċett ta' "smiegħ xieraq", li wkoll jikkomprendi fih ir-rekwiżit ta' "imparzjalita'";

5. Talbu li dik il-prelodata Qorti jogħġobha:

(a) tiddeċiedi li l-parti iċċitata tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-21 ta' Jannar, 1993 fir-rikors fl-ismijiet **Joseph Mary Vella *et vs* Il-Kummissarju tal-Pulizija *et*** tilledi d-dritt fundamentali tar-rikorrenti għall-"smiegħ xieraq u smiegħ imparzjali" bi ksur ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

(b) tagħti r-rimedji li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq biex id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti jiġu mħarsa fil-kawża msemmija Rikors Kostituzzjonali Numru 167/86;

Rat ir-risposta ta' l-intimati Joseph Mary Vella, George Vella u Francis Vella li biha huma esponew:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma frivoli u vessatorji u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom għas-segwenti raġunijiet:

(1) Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonanli tal-21 ta' Jannar, 1993 bl-ebda mod ma tilledi d-drittijiet tar-rikorrenti, anzi kienet sentenza li, għalkemm ġeneruża fil-konfront tar-rikorrenti odjerni, semmai aktar illediet id-drittijiet ta' l-esponenti;

(2) Illi fil-fatt, il-Qorti Kostituzzjonali bl-ebda mod ma ċċensurat l-Ewwel Qorti dwar id-digriet tat-13 ta' April, 1983 (tant hu hekk li l-ispejjeż ta' l-appell ibatuhom ir-rikorrenti odjerni), iżda, fl-interess tal-ġustizzja u b'manjanimita' kbira, ikkonċediet li r-rikorrenti jressqu l-*affidavits* li suppost kienu lesti erba' snin ilu u għall-benefiċċju ta' *doppio esame* anke rrinvjat il-proċess lura lill-Prim'Awla;

(3) Illi għandu jingħad li l-Prim'Awla fid-digriet tagħha tat-13 ta' April, 1989 kienet ċaħdet it-talba tar-rikorrenti odjerni li jressqu affidavits, wara li għal tliet seduti konsekuttivi wegħdu li jressqu l-affidavits u dana ma għamluhx. Wara dan, ir-rikorrenti odjerni appellaw minn dan id-digriet, iżda meta appellaw, appellaw quddiem Qorti żbaljata, u l-appell ġie dikjarat null. Meta mbagħad fit-18 ta' Ottubru, 1991 il-Prim'Awla tat is-sentenza fil-mertu, ir-

rikorrenti odjerni reġgħu appellaw quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fuq id-digriet tat-13 ta' April, 1989. Il-Qorti Kostituzzjonali ikkonċediet lir-rikorrenti odjerni li jressqu l-affidavits mhux għaliex id-digriet ta' l-Ewwel Qorti kien ħażin, iżda fl-interess suprem tal-ġustizzja u għalhekk illimitat dan id-dritt billi:

(a) ma ppermettietx lir-rikorrenti odjerni li jressqu provi aktar barra l-affidavits;

(b) ippermettiet lill-esponenti jressqu provi biex jirribattu l-affidavits;

(ċ) imponiet terminu ta' 15-il ġurnata biex jiġu esebiti l-affidavits;

Minflok ma mxew skond din is-sentenza tant ġeneruża fil-konfront tagħhom, ir-rikorrenti pattew din il-ġenerożita' b'kawża kostituzzjonali f'kawża kostituzzjonali sabiex b'hekk imexxi l-ħsieb ta' moħħhom dik li kawża kostituzzjonali li bdiet fl-1986 ma tinqata' qatt;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) *fit-18 ta' Mejju 1993 li wara li* kkunsidrat:

"Illi r-rikorrenti jikkontendu li s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-21 ta' Jannar, 1991 tillidilhom id-dritt fundamentali tagħha għal "smiegħ xieraq" kif sanċit bl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Illi l-kwistjoni odjerna qamet wara digriet tal-Prim'Awla tal-

Qorti Ċivili diversament presjeduta mogħti fit-13 ta' April, 1989 fl-atti tar-rikors numru 167/86 fl-ismijiet **Joseph Mary Vella *et* *vs* Il-Kummissarju tal-Pulizija *et*.** Dan id-digriet ċaħad talba ta' l-intimati biex iressqu l-provi tagħhom permezz ta' affidavit;

Illi r-rikors ġie deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Ottubru, 1991 u ġie ntavolat appell kemm dwar dan id-digriet li ċaħad l-affidavit kif ukoll dwar il-mertu nnifsu;

Illi l-aggravju relattiv għall-imsemmi digriet ta' l-ewwel Qorti ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza tal-21 ta' Jannar 1993; ir-rikorrenti odjerni ppreżentaw dan ir-rikors peress li jħossu li s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali għalkemm qablet li huma kienu jistgħu jressqu l-imsemmija affidavits (u rrinvjat l-atti lill-ewwel Qorti biex dan ikun jista' jsir) kienet illedilitilhom id-dritt fundamentali salvagwardat mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Illi dwar l-aggravju huma jibbażawh fuq l-argument li bir-rinviju huma kienu ser jiġu assoġġettati għal ġudizzju ta' min diġa` ppronunzja ruħu kontra tagħhom bid-deċiżjoni oriġinali fit-18 ta' Otturbu, 1989; barra minn dan jibbażawh ukoll fuq l-argument l-ieħor li huma ġew privati milli jipproduċu l-provi tagħhom kollha u sostenn tas-sottomissjonijiet tagħhom waqt li l-parti l-oħra ingħatat l-opportunita` li tipproduċi provi oħra ma' dawk li huma kienu diġa` iddikjaraw li kienu l-provi kollha tagħhom;

Illi minn eżami tal-parti tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li qed tiġi impunjata jidher li għalkemm il-Qorti użat il-kliem "tirrevoka s-sentenza" is-sinifikat joħroġ mill-kliem li jsegwu u li jordnaw lill-ewwel Qorti biex tkompli tikkonsidera l-mertu tal-

kawża jekk u wara li jiġu preżentati l-affidavits tal-allura intimati u possibilment tisma' ix-xhieda li ġiet awtorizzata; dan ifisser li l-Qorti tal-prima stanza jekk jitressqu quddiemha dawn il-provi li qabel ma kinux inġiebu a konjizzjoni tagħha, tkun trid tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha imma fuq riżultanzi proċesswali differenti;

*Illi għalhekk l-ewwel aggravju tar-rikorrenti odjerni ma jidhirx* ġustifikat fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja indikat fir-rikors promotorju;

Illi bit-tieni aggravju r-rikorrenti jikkontendu li mhux qed jitħallew jipproduċu l-provi kollha li jistgħu jressqu in sostenn tad-dikjarazzjonijiet tagħhom, mentri l-kontro-parti jkollha d-dritt li tagħmel dan; in fatti wara li jiġu preżentati (jekk jiġu hekk preżentati) l-affidavit tar-rikorrenti odjerni u jsiru l-opportuni "kontro-eżami" *viva voci* ta' kull appellant li jkun ippreżenta affidavit, u wara dan tħalli l-kawża għas-sentenza, mingħajr ma tisma' provi oħra da parti ta' l-intimati, *ħlief jekk u meta* r-rikorrenti (intimati odjerni) jipproduċu provi oħra biex jikkontrobattu l-provi ta' l-appellanti hekk prodotti;

Illi għalhekk, wara li jiġu preżentati l-affidavits tar-rikorrenti u talvolta jsiru d-debiti kontro-eżamijiet huma ma jkunux jistgħu jressqu provi biex isostnu dawk id-dikjarazzjonijiet tagħhom waqt li l-intimati jkunu jistgħu jressqu provi oħra bl-iskop li jikkontradiċu dak li jkun irriżulta mill-affidavit u mill-kontro-eżamijiet imsemmija; veru li fil-każ ta' provi oħra ta' l-intimati, allura jkun hemm ukoll id-dritt tar-rikorrenti li jipproduċu oħrajn huma; dan pero' jpoġġi lir-rikorrenti fi żvantaġġ għax jiddependi minn għażla ta' l-intimati dwar provi ġodda; ċertament huma ser jitħallew jipproduċu l-affidavit tagħhom imma mhux qed jitħallew

jisssostanzjawhom; veru li huma ser ikunu taw ix-xhieda kollha taghhom, imma l-valur taghhom fl-ghajnejn ta' min irid jiġġudika dwarhom, ikunu biss relattivi u bażati biss fuq il-ġurament taghhom; il-ġudikant jista' jkun irid jivvaluta jew jikkontrolla d-dikjarazzjonijiet taghhom billi jisma' xi provi oħra;

Illi l-Qorti tifhem li din il-kawża twalet ħafna, pero`, una volta l-Qorti Kostituzzjonali irrevokat in effetti d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħti fit-13 ta' April, 1989 allura l-proċess irid jitkompla minn dak il-punt mingħajr restrizzjonijiet għal dawk li l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tista' tordna jew tippermetti fil-prosegwiment regolari tal-kawża;

Illi dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu (jekk jiġu preżentati l-affidavits tar-rikorrenti odjerni) imorru kontra d-dritt fundamentali għal smiegħ xierqa w imparzjali salvagwardat bid-disposizzjoni ta' l-Artikoli 39 (2) tal-Kostituzzjoni u dik ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja";

Hija ddeċidiet ir-rikors billi laqgħet it-talba w iddikjarat li l-kliem "mingħajr ma tisma' il-provi da parte ta' l-intimati, ħlief jekk u meta r-rikorrenti jipproduċu provi oħra biex jikkontrabattu l-provi bl-affidavit hekk prodotti "fil-konklużjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Jannar, 1993 fir-rikors fl-ismijiet **Joseph Mary Vella** *et vs* **Kummissarju tal-Pulizija** *et* jivvjolaw id-dritt fundamentali tar-rikorrenti odjerni fuq kif salvagwardati bl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u konsegwentement l-Ewwel Qorti wara li jiġu rinvjati l-atti, kif deċiż fl-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, għandha tkompli tisma' il-każ mingħajr ir-restrizzjonijiet imposti bl-

imsemmija kliem";

Ordnat li l-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu mingħajr taxxa;

Rat ir-rikors ta' appell preżentat quddiem din il-Qorti fis-26 ta' Mejju ,1993 li bih l-intimati Joseph Mary Vella, George Vella u France Vella esponew illi:

"1. Dan huwa appell mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Mejju, 1993 fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija;

2. Illi b'dik is-sentenza dik l-Onorabbli Qorti iddeċidiet dak ir-rikors billi tilqa' t-talba u tiddikjara li l-kliem "mingħajr ma turi *provi oħra da parti ta' l-intimati*, ħlief jekk u meta r-rikorrenti jipprovdu provi oħra biex jikkontrobattu l-provi ta' l-appellati hekk prodotti" fil-konklużjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Jannar, 1993 fir-rikors fl-ismijiet **Joseph Mary Vella *et vs* Kummissarju tal-Pulizija *et*** jivvjola d-dritt fundamentali tar-rikorrenti odjerni hekk kif salvagwardati bl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u konkludiet l-Ewwel Qorti wara li jiġu rinvjati l-atti, kif deċiż fl-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali għandha tkompli tisma' il-każ mingħajr ir-restrizzjonijiet imposti bl-imsemmija kliem. L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu mingħajr taxxi;

3. Illi l-unika kopja tas-sentenza li l-esponenti rnexxilhom jakkwistaw, hija kopja fotostatika tal-manuskritt oriġinali liema kopja hija prattikament illeġibbli;

4. Għalhekk fl-assenza ta' konoxxenza tal-motivazzjonijiet tas-sentenza appellata, l-esponenti jsibuh kważi imposibbli li jimmotivaw l-appell tagħhom;

5. Is-sentenza għandha tiġi revokata għas-segwenti motivi:

1. Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-21 ta' Jannar, 1993 bl-ebda mod ma tilledi d-drittijiet ta' l-appellati, anzi kienet sentenza li, għalkemm ġeneruża fil-konfront tar-rikorrenti odjerni, semmai iktar illediet id-drittijiet ta' l-esponenti;

2. Illi fil-fatt il-Qorti Kostituzzjonali bl-ebda mod ma ċċensurat l-Ewwel Qorti dwar id-digriet tat-13 ta' April, 1989 (tant hu hekk li l-ispejjeż ta' l-appell ibatuhom ir-rikorrenti odjerni), iżda fl-interess tal-ġustizzja u b'manjanimita' kbira, ikkonċediet li l-appellati jressqu l-affidavits li suppost kienu lesti erba' snin ilu u għal benefiċċju ta' *doppio esame* anke rrinvjat il-proċess lura lill-Prim'Awla;

3. Illi għandu jingħad li l-Prim'Awla fid-digriet tagħha tat-13 ta' April, 1989 kienet ċaħdet it-talba ta' l-appellati odjerni li jressqu affidavits, wara li għal tliet seduti konsekkuttivi wegħdu li jressqu l-affidavits u dana ma għamluhx. Wara dan, l-appellati odjerni appellaw minn dan id-digriet, iżda meta appellaw, appellaw quddiem Qorti żbaljata, u l-appell ġie dikjarat null. Meta imbagħad fit-18 ta' Ottubru, 1991 il-Prim'Awla tat is-sentenza fil-mertu, l-appellati odjerni reġgħu appellaw quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fuq id-digriet tat-13 ta' April, 1989. Il-Qorti Kostituzzjonali **ikkonċediet** lill-appellati odjerni li jressqu l-affidavits mhux għaliex id-digriet ta' l-Ewwel Qorti kien ħażin, iżda fl-interess suprem tal-ġustizzja u għalhekk illimitat dan id-dritt billi:

(a) Ma ppermettietx lill-appellati odjerni li jressqu provi iktar

barra l-affidavits;

(b) Ippermettiet lill-esponenti jressqu provi biex jirribattu l-affidavits;

(ċ) Imponiet termini ta' 15-il ġurnata biex jiġu esebiti l-affidavits;

4. Minflok ma mxew skond din is-sentenza tant ġeneruża fil-konfront tagħhom, l-appellati pattew din il-ġenerożita` b'kawża kostituzzjonali f'kawża kostituzzjonali sabiex b'hekk jirnexxi l-ħsieb ta' moħħhom dik li kawża kostituzzjonali li bdiet fl-1986, ma tinqata' qatt;

Għaldaqstant u għall-motivi kollha li jiġu sottomessi waqt it-trattazzjoni ta' l-appell, l-esponenti fil-waqt li għamlu referenza għall-provi kollha ġa prodotti, u rriżervaw li jġibu l-provi l-oħra kollha nklużi s-subizzjoni tar-rikorrenti, umilment talbu li prevja l-akkoljiment ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-esponenti din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet fuq imsemmija mogħtija fit-18 ta' Mejju, 1993 billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti appellati. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati";

Rat ir-risposta ta' l-appellati preżentata fid-9 ta'Ġunju, 1993 quddiem din il-Qorti, li biha huma ssottomettew;

"Illi l-aggravji ta' l-appellanti huma infondati u d-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija ġusta u timmerita konferma għar-raġunijiet li jiġu sottomesi fit-trattazzjoni ta' l-appell";

Rat l-atti l-oħra tal-kawża u senjatament in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-appellanti preżentata fid-9 ta' Awissu 1993 u dik ta' l-appellati preżentata fl-20 ta' Settembru 1993;

Ittrattat:

Ikkunsidrat:

Illi għandu jiġi rilevat li l-kontestazzjoni ta' l-intimati appellanti kemm fir-risposta tagħhom għar-rikors promotorju kif ukoll fl-aggravju dedott minnhom fir-rikors ta' l-appell huma in sostanza li s-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, mogħtija fil-21 ta' Jannar, 1993 bl-ebda mod ma tilledi d-drittijiet ta' l-istanti f'din il-kawża, anzi kienet sentenza li, għalkemm ġeneruża fil-konfront ta' l-istanti, semmai iktar illediet id-drittijiet ta' l-intimati appellanti;

Pero' fit-trattazzjoni orali u fin-nota ta' osservazzjonijiet il-partijiet ittrattaw il-punt sollevat mill-appellanti fl-istadju ta' l-appell dwar jistax wieħed jimpunja sentenza ta' din il-Qorti meta din hija l-ogħla Qorti tal-pajjiż, partikolarment f'materja ta' drittijiet tal-bniedem;

Fuq dan il-punt, inter alia l-appellanti issottomettew li huma ma jeskludux fit-teorija illi jekk jinqala' inċident awtonomu waqt smiegħ ta' kawża dan jista' jagħti lok għal kawża *ad hoc* iżda żgur li fil-każ preżenti ma sar xejn waqt is-smiegħ tal-kawża fl-appell li ppreġudika l-appellati odjerni, huma ma għoġbithomx il-konklużjoni tal-kawża nnifisha u l-appellanti ssottomettew li mhux talli dik il-konklużjoni ma vvjolatx id-drittijiet tagħhom iżda talli aġevolathom bil-bosta u neħħiet, għall-inqas għal issa, kundanna

kontrihom ta' ħlas ta' Lm18,000 favur l-appellanti odjerni;

L-appellati dwar dan il-punt issottomettew inter alia li bħala prinċipju ma hemm xejn li josta li, jekk il-Qorti Kostituzzjonali ma tosservax xi dritt fundamentali tal-bniedem, għandu jkun hemm rimedju għal dik il-leżjoni. In fatti l-appellant stess jikkonċedi li jekk jinqala' inċident awtonomu waqt smiegħ ta' kawża, dan jista' *jagħti* lok għal kawża ad hoc. Fil-fatt, dan qed javvera ruħu f'din il-kawża. L-appellati ssottomettew ukoll li l-appellanti mhumiex korretti meta jippruvaw jimpostaw il-kwistjoni odjerna bħala waħda li fiha l-Qorti Kostituzzjonali ppronunzjat l-aħħar kelma fuq id-digriet tal-Prim'Awla tat-13 ta' April ,1989 billi irrevokatu b'mod ikkwalifikat. Il-posizzjoni reali hija li l-Qorti Kostituzzjonali rrevokat essenzjalment is-sentenza tal-Prim'Awla in toto għaliex sabitha ivvizzjata mid-digriet inkwistjoni li ippriva lill-appellati mill-produzzjoni tax-xhieda (li huwa fih innifsu, dritt fundamentali). L-appellati komplew jissottomettu li fil-proċeduri odjerni li qegħdin jiġu kritikati huma r-restrizzjonijiet imposti mill-Qorti Kostituzzjonali li joltraġġjaw id-dritt fundamentali tal-*fair hearing* ta' parti f'kawża li għad trid tkompli tiġi trattata u li wieħed jemmen eventwalment għandha tiġi deċiża mingħajr ma tkun influwenzata mis-sentenza oriġinali li ġiet revokata;

Ikkunsidrat:

Illi dwar id-dritt li tiġi impunjata anke sentenza mogħtija minn din il-Qorti, l-ogħla Qorti tal-pajjiż, fuq il-mottiv ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem, din il-Qorti pronunzjat ruħha fis-sentenza mogħtija llum stess fil-kawża fl-ismijiet **Lawrence Cuschieri *versus* l-Onorevoli Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta u għall-interess li jista' jkollu l-Kummissarju tal-**

**Pulizija** (Rikors Numru: 371/92) fis-sens li ma tistax a priori teskludi s-sindakabilita` ta' l-operat ta' din il-Qorti fil-kondotta tal-proċeduri quddiemha biex jiġi determinat jekk dawn kinux konformi mad-dettami tas-subinċiż (1) ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u dan permezz tar-rimedju, bħal fil-kawża odjerna, ta' rikors quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili; u għalhekk tagħmel ampja referenza għall-istess sentenza;

Illi, għalhekk, is-sottomissjoni ta' l-appellanti fis-sens li wieħed ma jistax jimpunja sentenza ta' din il-Qorti, partikolarment f'materja ta' drittijiet tal-bniedem, mhix legalment fondata;

Ikkunsidrat:

L-appellati ssottomettew inter alia illi:

"Iżda, una volta l-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet li l-kawża għandha tkompli tiġi trattata mill-Prim'Awla wara r-revoka tad-digriet tat-13 ta' April, 1989 il-Qorti Kostituzzjonali ma setetx tikkundizzjona l-prosegwiment tat-trattazzjoni tal-kawża bi kwalifiki li jilledu d-dritt fundamentali tal-*fair hearing* u li jagħmlu strapp għall-prinċipji proċedurali tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili tal-pajjiż;

Il-Qorti Kostituzzjonali, waqt li hija garanti ta' l-osservanza tal-Kostituzzjoni u tal-liġijiet tal-pajjiż, hija wkoll suġġetta għall-Kostituzzjoni tal-pajjiż u għal-liġijiet tal-pajjiż";

Ikkunsidrat:

Illi l-ilment ta' l-appellati dwar is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, mogħtija fil-21 ta' Jannar, 1993 jikkonsisti filli jallegaw li ġew imposti restrizzjonijiet li joltraġġjaw id-dritt fundamentali tal-*fair hearing* ta' parti f'kawża li għad trid tkompli tiġi trattata u li wieħed jemmen, eventwalment għandha tiġi deċiża mingħajr ma tkun influwenzata mis-sentenza oriġinali li ġiet revokata. Huma komplew jissottomettu illi l-mod impost minn din *il-Qorti għall-prosegwiment tal-kawża ma jippermettix li l-appellati* jkollhom *fair hearing* u jilledi dan id-dritt fundamentali tagħhom;

Fil-fehma ta' din il-Qorti ir-retroxena sħiħa tal-każ hija rilevanti għall-aprezzament ta' dak li ddeċidiet din il-Qorti għaliex hija massima importanti li *vigilantibus jura prosunt* u għalhekk min jonqos li jagħmel il-parti tiegħu billi jressaq il-provi tiegħu ma jistax imbagħad jilmenta minn nuqqas ta' *fair hearing* jekk minħabba l-inadempjenza tiegħu stess isofri konsegwenzi li jippreġudikawh;

Hawhekk, huwa utili li wieħed jeżamina dak li kkonstatat din *il-Qorti meta ppronunzjat is-sentenza de qua*, fil-paragrafu 14, intestat: "Il-Konsiderazzjonijiet Determinanti", hija qalet:

"L-intimati (l-appellati odjerni) ġiebu ruħhom b'mod irresponsabbli, abbużiv u dispreġġjattiv fil-konfront tal-Qorti u b'mod vessatorju għar-rikorrenti, meta għal żewġ seduti tal-Qorti li fihom kellhom jipproduċu l-provi tagħhom naqsu li jagħmlu dak li ppromettew li jagħmlu. Id-digriet ta' ċaħda kien ġustifikat. Sussegwentement, huma kellhom jerġgħu jirrikorru għat-tielet difensur tagħhom;

B'danakollu, f'każ ta' portata hekk gravi minnu nnifsu u finanzjarjament pjuttost gravuż għall-intimati, din il-Qorti tħoss li jkun fl-interess tal-Ġustizzja jekk l-intimati jingħataw l-aħħar

opportunita` biex jixhdu;

Dak li se jingħad huwa wkoll paradossali, imma xorta waħda validu. Il-proċeduri fuq allegazzjonijiet ta' vjolazzjonijiet ta' drittijiet fundamentali għandhom isiru b'ċelerita` anke aktar minn dik tal-kawżi ordinarji, għaliex huwa raġjonevolment preżunt li dawk il-vjolazzjonijiet ma jistgħux jittolleraw dewmien;

Issa fil-kawża preżenti, ir-rikorrenti (l-appellanti odjerni) sofrew l-allegati vjolazzjonijiet ta' natura serja u gravi f'Novembru 1983, imma b'dan kollu pproċedew bir-rikors promotur fil-15 ta' Lulju, 1986 sentejn u tmien xhur wara. Huma akkwiexxew u ppermettew, fil-proċediment li, per eżempju, fis-27 ta' Novembru, 1987 isir differiment hekk:

"Peress li l-Qorti okkupata fl-Appell il-kawża tibqa' għad-9 ta' Marzu 1988";

L-intimati appellanti, da parti tagħhom fil-15 ta' Ġunju, 1987 ġew abbandonati mill-avukat difensur li kellhom sa dak inhar u l-ewwel indikazzjoni, mill-proċess, li kellhom difensur ieħor, jidher mill-verbal tad-9 ta' Marzu, 1988;

Minn dawn l-indikazzjonijiet kollha, din il-Qorti ffurmat il-konvinzjoni illi avolja huma l-appellanti (l-appellati odjerni) li l-aktar li kkontribwew għal dak li ġara, billi pero` in-nuqqasijiet tal-proċedura l-oħra huma attribwibbli għar-rikorrenti anke jekk indirettament għaliex ġejjin minn naħa taċ-"ċirkostanzi" li jaffliġġu kull proċess - f'dan il-każ konkret, huwa opportun li tingħata d-direttiva li se tissemma aktar 'l isfel, biex tiġi assikurat ġustizzja sostanzjali sħiħa mingħajr l-iċken ombra - anke jekk artifiċjali w

opportunita' biex jixhdu;

Dak li se jingħad huwa wkoll paradossali, imma xorta waħda validu. Il-proċeduri fuq allegazzjonijiet ta' vjolazzjonijiet ta' drittijiet fundamentali għandhom isiru b'ċelerita' anke aktar minn dik tal-kawżi ordinarji, għaliex huwa raġjonevolment preżunt li dawk il-vjolazzjonijiet ma jistgħux jittolleraw dewmien;

Issa fil-kawża preżenti, ir-rikorrenti (l-appellanti odjerni) sofrew l-allegati vjolazzjonijiet ta' natura serja u gravi f'Novembru 1983, imma b'dan kollu pproċedew bir-rikors promotur fil-15 ta' Lulju, 1986 sentejn u tmien xhur wara. Huma akkwiexxew u ppermettew, fil-proċediment li, per eżempju, fis-27 ta' Novembru, 1987 isir differiment hekk:

"Peress li l-Qorti okkupata fl-Appell il-kawża tibqa' għad-9 ta' Marzu 1988";

L-intimati appellanti, da parti tagħhom fil-15 ta' Ġunju, 1987 ġew abbandonati mill-avukat difensur li kellhom sa dak inhar u l-ewwel indikazzjoni, mill-proċess, li kellhom difensur ieħor, jidher mill-verbal tad-9 ta' Marzu, 1988;

Minn dawn l-indikazzjonijiet kollha, din il-Qorti ffurmat il-konvinzjoni illi avolja huma l-appellanti (l-appellati odjerni) li l-aktar li kkontribwew għal dak li ġara, billi pero' in-nuqqasijiet tal-proċedura l-oħra huma attribwibbli għar-rikorrenti anke jekk indirettament għaliex ġejjin minn naħa taċ-"ċirkostanzi" li jaffliġġu kull proċess - f'dan il-każ konkret, huwa opportun li tingħata d-direttiva li se tissemma aktar 'l isfel, biex tiġi assikurat ġustizzja sostanzjali sħiħa mingħajr l-iċken ombra - anke jekk artifiċjali w

indebita - ta' inġustizzja minħabba l-proċedura;

Illi minn dan jiriżulta ċar li l-Qorti kienet tkun ġustifikata li, wara li kkonstatat l-imġieba ħażina ta' l-appellati odjerni u wara li ikkonkludiet li d-digriet ta' ċaħda (tat-13 ta' April, 1989) kien ġustifikat, kieku ċaħdet l-appell ta' l-appellati odjerni. Il-Qorti, flok li ċaħdet l-appell, fuq il-mottiv li kienu l-appellati odjerni intimati f'dik il-kawża, li nonostante li kellhom l-oportunita' li jressqu l-provi tagħhom naqsu li jagħmlu dan, b'mod irresponsabbli, abbużiv u dispreġġjattiv fil-konfront tal-Qorti u b'mod vessatorju għar-rikorrenti, (l-appellanti odjerni), hija tat lill-appellati odjerni konċessjoni biex jippreżentaw ix-xhieda tagħhom bil-kwalifiki raġonevoli imposti fis-sentenza. Ta' min jinnota li tant il-Qorti kienet ħasset li l-appellanti f'dik il-kawża kellhom tort li meta ġiet biex tiddeċiedi l-kap ta' l-ispejjeż hija esprimiet ruħha b'dan il-mod: l-ispejjeż ta' dan l-appell huma naturalment (sottolinejar ta' din il-Qorti) xorta waħda a karigu ta' l-appellanti;

Għalhekk, il-konklużjoni li waslet għaliha din il-Qorti hija li s-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Jannar, 1993 kienet ġeneruża mar-rikorrenti appellati u b'ebda mod ma llediet id-drittijiet fundamentali tagħhom kif salvagwardati bl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, u konsegwentement, tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija fit-18 ta' Mejju, 1993;

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-appellati.